KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

### *Laqgħa Numru Tlieta (2)*

***It-Tnejn, 29 ta' Lulju, 2019***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa ta' filgħaxija (5:00pm).

Bdiet 17:34pm

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| IL-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANREAS GATT |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**3.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

3.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apologiji

**3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

3.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 2 li nzammet nhar il-Hamis, 18 ta' Lulju 2019.

3.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 2 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

3.2.3 **Mozzjoni 03-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 2.

Proponent: Il-Kunsillier Andreas Gatt

Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

Il-Minuti Numru 2 gew approvati unanimament.

**3.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 3 (08) – Lulju 2019***

3.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 03(08) biċ-ċekkijiet numru 6595 sa 6637 li tammonta €25,752.38

3.3.3 **Mozzjoni 03-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 03(08) bl-ammont ta' €25,752.38

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius

Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 03(08) giet approvata unanimament.

## 3.4 Approvazzjoni tar-Rapport tat-Tieni Kwart: April - Gunju 2019

*F'dan l-istadju tal-laqgha attenda l-Accountant tal-Kunsill*

3.4.1 L-accountant tal-Kunsill taha spjegazzjoni tal-figuri li hemm fir-Rapport tat-Tieni Kwart : April - Gunju 2019.

3.4.2 Wara din l-ispjegazzjoni, tressqet mozzjoni ghall-approvazzjoni tar-Rapport tat-Tieni Kwart : April - Gunju 2019.
**Mozzjoni 03-03**: Proponent: Keith Fenech
Sekondant: Andreas Gatt

3.4.3 Ir-Rapport tat-Tieni Kwart tas-Sena gie approvat unanimament u ghaldaqstant iffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

*F'dan l-istadju tal-laqgha l-Accountant tal-Kunsill hareg mill-kamra.*

## 3.5 Korrispondenza

3.5.1 Tressqet korrispondenza rigward partecipazzjoni tal-Kunsill Lokali fl-inizjattiva dwar l-inkluzjoni u sapport LGBTQ+. Il-Kunsill qabel li jaghmel *pedestrian crossing* fil-Bypass ta' Hal Ghaxaq.

3.5.2 Tressqet korrispondenza dwar l-Iskema ta' Restawr ta' Postijiet/ Monumenti Storici. Il-Kunsill qabel li japplika ghar-restawr tal-Istatwa tal-Karmnu li hemm fil-Bypass.

*3.5.3* Tressqet korrispondenza dwar l-Iskema ta' Ghajnuna Finanzjarja ghall-korsijiet tal-*Lifelong Learning*. Il-Kunsill qabel li japplika sabiex tinxtara *photocopier* sabiex jibdew jitqassmu fuljetti bir-reklamar fid-djar tar-residenti.

3.5.4 Tressqet korrispondenza dwar proposta sabiex isiru *fitness classes*. Il-Kunsill qabel fil-principju izda se jkun qieghed jitkellem mal-organizzatur dwar il-possibilita li jsiru bil-kollaborazzjoni man-Nursery.

3.5.5 Tressqet korrispondenza dwar l-iSkema *Community Inclusive Employment*. Il-Kunsill qabel li jitlob ghall-haddiem biex jibqghu jingabru l-kontijiet tad-dawl. Il-Kunsill qed ikollu diffikultajiet minhabba li l-impjegati tal-Kunsill qed ikunu okkupati kontinwament bil-hlasijiet tal-kontijiet tad-dawl, filwaqt li xoghol tal-Kunsill qed ikun difficli biex isir. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li, jekk jinghata impjegat iehor taht din l-iskema, jibqa jipprocessa l-kontijiet tad-dawl. Izda jekk le, ghandha tigi diskussa l-possibilita li jitnaqqsu l-granet ta' meta jsiru l-hlasijiet. Dwar dan il-Kunsill qabel.

3.5.6 Tressqet korrispondenza minghand Wirt Artna sabiex jghinu lill-Kunsill fir-Restawr tat-Turretta. Il-Kunsill qabel li ssir laqgha mad-Direttur u mal-Perit

sabiex jibdew isiru xi restawr. Il-Kunsill qabel li ghandu jibda mill-aperturi u ghaldaqstant, wara li jikkonferma mal-perit, ghandha tinhareg kwotazzjoni.

3.5.7 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ritratt ta' zewg bozoz li gew installati. Minhabba li dawn il-bozzoz jidhru li qeghdin fil-privat, il-Kunsill qabel li jitnehhew u jitpoggew x'imkien iehor. Il-Kunsilliera Rose Agius talbet sabiex il-lista tal-bozzoz godda tibda tittella fil-laqgha tal-Kunsill sabiex tigi approvata qabel ma jigu ordnati.

**3.6 <u>Progett Bandli</u>**

3.6.1 Il-Kunsillier Keith Fenech tkellem dwar din il-materja fejn qal li x-xoghol fuq il-progett tal-bandli miexi bil-mod hafna u ghaldaqstant dan se jdum biex jitlesta.
sal-ahhar ta' awwissu jrid ikun lest jekk le mill-1 ta' Sertembru jibdew jinghataw il-multi.

3.6.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet korrispondenza minghand il-kuntrattur fejn qalet li dan talab biex il-Kunsill jikkunsidra talba ta' estensjoni minhabba li kellu jieqaf f'nofs il-progett minhabba li kien qed jistenna risposta minghand il-Perit tal-Kunsill.

3.6.3 Ghaldaqstant il-Kunsill ikkunsidra din it-talba izda qabel li l-kuntrattur ghandu jinghata sal-ahhar ta' Awwissu sabiex ilesti dan il-progett. F'kaz li dan ma jsirx, il-Kunsill se jibda jwahhal il-multi skond kif stipulat fid-dokument tat-tender.

**3.*7* <u>Riorganizzazzjoni ta' l-ispazji tal-Parkegg fi Triq il-Qattus u Triq Giovanni Scicluna</u>**

3.7.1 Il-Kunsillier Keith Fenech fetah id-diskussjoni dwar din il-materja minhabba li hu talab li titpogga fuq l-Agenda.

3.7.2 Il-Kunsillier Keith Fenech ppropona li jsiru *double yellow lines* f'kull kantuniera, jitwessghu il-parking spaces, u jigu maqsumin kaxxa kaxxa. Dan qed jigi propost minhabba li f'certu hinijiet tal-gurnata qed ikun hemm hafna abbuzi ta' parkegg minn vetturi kbar li jipparkjaw bl-addocc u jikkawzaw inkonvenjent.

3.7.3 Dwar il-proposta imsemmija f'materja 3.7.2, il-Kunsill qabel unanimament.

**3.8 <u>Xoghlijiet li saru minn Infrastructure Malta</u>**

3.7.1 Il-Kunsillier Keith Fenech ppropona li ssir lista ta' toroq li jehtiegu priorita sabiex jigu asfaltati (lista ta' toroq li qatt ma inghataw tarmak), kif ukoll lista ta' toroq li ghalkemm inghataw it-tarmak snin ilu, rega ghandhom bzonn isiru minhabba hsarat estensivi. Din il-lista ghandha titressaq fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

3.7.2 Il-Kunsillier Keith Fenech ippropona ukoll li tinkiteb ittra lill-Infrastructure Malta dwar l-kwalita ta' xoghol li sar fi Triq il-Gudja lejn Santu Rokku. Fl-ittra ghandu jissemma ukoll il-hsarat u l-problemi ta' dranagg li saru fiz-zona ta' Bir id deheb. Dawn il-hsarat huma bejn il-komunikazzjoni tar-residenti u l-*main* tal-ilma. Apparti minn hekk

ghandhom inaddfu ukoll it-terrapin li thalla fi Triq il-Belt Valletta kif ukoll *culvert*s mizdudin fil-Bypass minhabba l-materjal li nizel fihom.

3.7.3 Dwar il-kontenut f'materja numru 3.7.2, il-Kunsill qabel unanimament.

**3.9 Infurzar fi Triq Dun Guzepp Demicoli**

3.9.1 Il-Kunsillier Andreas Gatt ppropona li jsir infurzar fi Triq Dun Guzepp Demicoli minhabba li mit-triq jghaddu ammont ta' vetturi kbar li qed jaghmlu l-hsara. Ghaldaqstant propona li l-camera li hemm installata tigi mdawra ghal fuq it-triq biex niehdu nota tat-trakkijiet il-kbar li qed jghaddi minnha.

3.9.2 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jintbaghat gwardjan bejn is- 6am u t-8am ghal-gimgha sabiex iharrek lil kull vettura kbira li tghaddi.

3.9.3 Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-ahjar li l-Kunsill jiccekja dwar l-approvazzjoni tan-'No Heavy Vehicles'.

3.9.4 F'kaz li l-Kunsill ikollu l-permess ghandu jibghat ittra lis-sidien tal-impjanti sabiex jinfurmahom.

**3.10 Ristrutturar tat-toroq fiz-zona tal-Millieri**

3.10.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli ppropon‌iet li jsiru linji kontinwi fit-triq ta' wara l-monument tal-annimali li taghti ghal Triq tal-Millieri. Id-dawra hija perikoluza hafna u hemm bzonn isir xi haga.

3.10.2 Il-Kunsillier Keith Fenech ippropona li nkellmu lill-Infrastructure Malta u nitolbu sabiex mal-progett tal-Bypass issir dahla ohra minn qabel il-monument tal-annimali.

3.10.3 Il-Kunsillier Andreas Gatt ppropona ukoll li Triq il-Fejgel u Triq Habb il-Qamh isiru *one way*. Il-Kunsill qabel li tintbaghat ghall-approvazzjoni tat-TM.

**3.11 Traffic Management fi Triq Santa Tereza**

3.11.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli ppropon‌iet li Triq Santa Tereza issir one way minhabba li t-triq ma tippermettix li jghaddu zewg karozzi.

3.11.2 Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li tintbaghat ittra lir-residenti biex jigu ghal laqgha sabiex niddiskutu dwar it-Traffic Management ta' din it-triq.

**3.12 Mizuri ta' indafa fi Triq il-Barklor**

Din il-materja se tigi diskussa fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

**3.13 Mozzjonijiet**

Annessi mal-minuti

**3.14 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

3.14.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq kwotazzjoni ghal tindif tal-ground bil-gaffa. L-ispiza tammonta ghal Eur250. Il-Kunsill approva.

3.14.2 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jsiru rampi ghal-wheelchair fejn il-pedestrian crossing li hemm fejn l-iskola. Is-Sindku ppropona ukoll li jitnehha l-hadid ta' quddiem l-iskola u jithalla biss il-hadid ta' id-dahla tal-iskola. Dwar dan il-Kunsill qabel.

3.14.3 Is-Sindku Darren Abela ppropna li l-bankina ta' quddiem l-iskola fejn hemm l-istage jinghatab l-konkos. Il-Kunsill qabel li tingieb stima.

3.14.4 Is-Sindku Darren Abela qal li ghal festa ta' Santa Marija se jingiebu tal-Cleansing Department sabiex jaghmlu t-tindif wara l-kuncerti li se jsiru u wara l-marc. Il-Kunsill approva.

**3.15 Mistoqsijiet u Twegibiet tal-Kunsillieri**

3.15.1 Il-Kunsillier Andreas Gatt ppropona li jsiru speed humps fi Triq l-Andar minhabba l-velocita tas-sewwieqa. Il-Kunsill qabel li japplika ghall-approvazzjoni mat-TM.

3.15.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li hemm arblu tal-injam bla uzu fi Triq G.D'Arena sabiex jitnehha.

**3.16 <u>Tmiem tal-laqgha u d-data tas-seduta li jmiss</u>**

3.16.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 20 ta' Awwissu fil-5:00pm

Il-Laqgha ntemmet fit-8.35pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 3**

**Mozzjoni Ref:** 03-01

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Kunsill Nru. 2

| | |
|---|---|
| **Andreas Gatt**<br>**Proponent** | **Rose Agius**<br>**Sekondant** |

**Data:** 29 ta' Lulju 2019

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 3**

**Mozzjoni Ref:** 03-02

**Mozzjoni:**

Biex tigi approvata l-iskeda ta' Pagamenti Nru 03(08)

| | |
|---|---|
| **Rose Agius**<br>**Proponent** | **Christine Dalli**<br>**Sekondant** |

**Data:** 29 ta' Lulju 2019

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 3**

**Mozzjoni Ref:** 03-03

**Mozzjoni:**

Biex jigi approvat ir-Rapport tat-Tieni Kwart tas-Sena: April - Gunju 2019

| | |
|---|---|
| **Keith Fenech**<br>**Proponent** | **Andreas Gatt**<br>**Sekondant** |

**Data:** 29 ta' Lulju 2019

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**